GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
U L-IPPJANAR

Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex

**26 ta' Novembru 2024**

Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Parlament ta' Malta

Sur President,

Għeżież Membri,

L-ewwel u qabel kollox nixtieq nirringrazzjakom tal-opportunità li tajtuni sabiex nagħmel is-sottomissjonijiet tiegħi dwar ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Nirringrazzja wkoll lill-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi għax-xogħol siewi tiegħu.

Irrid minnufih nilqa' r-rapport tal-Kummissarju kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika li jadotta dan l-istess rapport.

Aħna, ir-rappreżentanti tal-poplu, kollha kemm aħna kontabbli lejn in-nies. U għalhekk huwa pożittiv li jkun hemm istituzzjonijiet serji u indipendenti li jgħarblu l-operat tagħna u jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom biex intejbu kull fejn hemm bżonn. Skrutinju bbażat fuq il-fatti. Għax kif jgħidu comment is free but facts are sacred.

Nifhem u napprezza li jkun hemm dikjarazzjonijiet politiċi u opinjonijiet diversi. Iżda l-fatti jibqgħu fatti, li importanti jitwasslu lill-poplu tagħna.

Ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jagħmilha ċara li l-impjieg imsemmi mal-Ministeru għal Għawdex ingħata skont il-manwal applikabbli – magħruf bħala Manual on Resourcing Policies and Procedures. Jiġifieri mhux xi ħadd qabad u daħħal persuna taħdem mal-Ministeru kif ġib u laħaq. Ġew segwiti l-proċeduri kollha li b'mod normali jidħlu fis-seħħ fuq kull impjieg simili ieħor.

Biex inpoġġu kollox f'perspettiva, irrid ngħid li hawnhekk qed nitkellmu fuq impjieg li dam tmien xhur. Illum il-persuna msemmija ilha madwar tliet snin ma taħdem mal-Ministeru għal Għawdex, tant illi dan il-każ saħansitra seħħ taħt leġiżlatura preċedenti.

Sur President, m'hemmx dubbju li r-rapport jelenka dawk li setgħu kienu nuqqasijiet fil-proċess. L-iktar dwar il-funzjonijiet tas-Sinjura Muscat b'relazzjoni mal-kariga li kellha. Jiġifieri li kellha titlu mod u x-xogħol li għamlet ma kienx jirrifletti dak it-titlu.

Nistqarr li għandi riżervi personali fuq l-interpretazzjoni ta' wħud min-nuqqasijiet imsemmija. Għaliex kull min kellu rwol Ministerjali fi ħdan Gvern jaf li fil-prattika huwa diffiċli li l-politiku jiċċertifika kull funzjoni ta' kull ħaddiem. Anke għaliex dejjem ikun hemm ċertu overlapping bejn ix-xogħol tal-impjegati fejn wieħed jaddatta għall-ikbar prijoritajiet tal-Ministeru u tal-Gvern f'dak il-mument.

Jien nistrieħ fuq ir-riżultati. Iktar milli fuq min qed kien qed jagħmel xiex f'dak il-ħin partikolari. Dejjem ninsisti fuq il-kontribut ta' kulħadd għat-twettiq tal-manifest elettorali u l-proġetti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi.

Madanakollu, iva, ir-responsabbiltà tal-kariga li wara kollox tkun qed titħallas għaliha, kull ħaddiem u kull konsulent għandu jġorrha u jassumiha bis-sħiħ. Għalhekk, iva, xorta nirrispetta, u anzi nadotta, is-sentiment li wera l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Naqbel li d-diliġenza qatt mhija biżżejjed meta qed nieħdu deċiżjonijiet li fl-aħħar mill-aħħar iridu minn flus il-poplu. Dejjem irridu ngħollu l-livell ta' checks and balances. U hemmhekk iva naqbel mal-Kummissarju li għandu jkun hemm iktar attenzjoni u iktar deċiżjonijiet metikolużi.

Iżda rrid niċċara wkoll, għaliex ingħadu ħafna affarijiet bl-addoċċ. Jiena la nstabt li għamilt xi tip jew forma ta' gwadann personali, u wisq anqas li wettaqt xi frodi jew miżapproprjazzjoni.

Dawn il-kliem ma jissemmew fl-ebda parti tar-rapport tal-Kummissarju u, bħala stat ta' fatt ma jistax ikun mod ieħor, proprju għaliex jien ma wettaqt ebda għemil tax-xorta fuq imfissra. Tassew, illi l-Kummissarju, kif ikkonkluda u ppubblika nuqqasijiet oħra, ma kienx se jkollu diffikultà li jikkonkludi u jippubblika dikjarazzjonijiet iktar iebsin li kieku kien hemm xi ħaġa oħra.

Iktar minn hekk, il-Kummissarju seta' ressaq rapport mal-Pulizija Eżekuttiva jew mal-Avukat Ġenerali kieku sab imqar indikazzjoni, fuq bażi ta' prima facie, ta' frodi jew miżapproprjazzjoni. Jien ngħid anzi kien ikun marbut bil-liġi li jirrapporta f'dak il-każ skont ma jipprovdi l-Artikolu 22(6) tal-Kap. 570 (L-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika).

Għalhekk mill-ġdid importanti li nibqgħu mal-fatti. Il-Kummissarju tal-Istandards irrefera dan ir-rapport lill-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u għamillu żewġ rakkomandazzjoniijiet.

L-ewwel, li l-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess tat-trasparenza. Fil-fatt, il-Kumitat awtorizza l-pubblikazzjoni fis-7 ta' Novembru li għadda.

It-tieni, li l-Kumitat jirreferi r-rapport lis-Segretarju Permanenti Ewlieni bil-għan li l-Manual on Resourcing Policies and Procedures jiġi rivedut. Fil-fatt, bid-dikjarazzjonijiet pubbliċi li saru u bl-impenn dikjarat tal-Gvern, din ir-rakkomandazzjoni ser titwettaq ukoll.

Sur President, infakkar li kien biss dan il-Gvern li ħoloq il-kariga tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Għalhekk rapport bħal dan – li permezz tiegħu nistgħu ntejbu dejjem iktar l-operat tagħna - qatt ma seta jkun magħruf qabel. Għax għal kwart ta' seklu, ħaddieħor kien komdu li qatt ma joħloq kariga bħal din.

Ngħid iktar minn hekk. Min illum qed juża dan ir-rapport għal skopijiet politiċi, kien irreżista bil-qawwa kollha lill-istess Prim Imħallef Emeritu. Kienu qalu li 'ma jaqtax blat' u 'ma jfittixx il-verità'. Illum l-istess nies mhux talli jikkwotawh ma' kull nifs, talli jippruvaw isemmu affarijiet li l-Kummissarju fil-fatt ma qalx. Imma fuq dak l-aġir, jien inħalli lill-poplu jiġġudika.

Min-naħa tiegħi, filwaqt li mill-ġdid inbaxxi rasi għall-ispirtu li wassal ghall-konklużjonijiet raġġunti mill-Kummissarju, qed nimpenja ruħi minn issa fi ħdan il-Gvern illi naħdem sabiex il-Manwal jiġi aġġornat. Diġà kien hemm diversi bidliet fix-xhur u s-snin li għaddew iżda nemmen li issa rridu nagħmlu pass ieħor biex każijiet bħal dan - fejn persuna fil-ħajja pubblika tinstab li mxiet mal-Manwal iżda li xorta kellha nuqqas ta' diliġenza - ma jerġax jirrepeti ruħu.

Irrid ngħid li fl-ebda ħin jew mument ma kienet l-intenzjoni tiegħi li nonqos minn xi grad ta' diliġenza jew xi standard tal-etika li huwa mistenni minni. Fejn stajt iddiżappuntajt lill-

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
U L-IPPJANAR

Pjazza San Frangisk, ir-Rabat, Għawdex

poplu, irrid inrodd lura bi sforz akbar fejn tidħol diliġenza iżda iktar importanti b'iktar xogħol lejn l-Għawdxin u l-Maltin kollha.

Jiena kburi li nagħmel parti minn Gvern li l-governanza u s-saltna tad-dritt mhux jipprietka dwarhom biss iżda jwettaq il-bidliet biex isaħħaħhom. Kull fejn naraw li nistgħu ntejbu, inkunu umli biżżejjed biex nagħmlu r-riformi li hemm bżonn.

Aħna l-Gvern li neħħejna l-liġi tal-preskrizzjoni fuq reati ta' korruzzjoni minn politiċi. Aħna l-Gvern li daħħalna l-liġi tal-finanzjament tal-partiti politiċi. Aħna l-Gvern li rrinunzja għall-poter li kellu biex jaħtar Maġistrati u Mħallfin.

Hekk se nkomplu nagħmlu, b'responsabbiltà. Hekk jistħoqqlu l-poplu Għawdxi u Malti, bi dritt.

Sur President, inkun grat jekk il-Kumitat jagħżel illi jippubblika din is-sottomissjoni tiegħi fi tmiem il-laqgħa.

Filwaqt li nirringrazzjakom tal-ħidma tagħkom,

Inselli għalikom,

Clint Camilleri

Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

t +356 2215 6400 e ministryforgozo@gov.mt | www.mgp.gov.mt